MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1150/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mark Cassar abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Mark Cassar**

**vs**

**Elliot Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u u erbghin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm740.57) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Mark Cassar assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' seba' mija u**

**hmistax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm715.57) is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) l-istess Mark Cassar in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Mejju, 2002, ghall-habta tal-11.45p.m., gewwa Ghajn Dwieli Road, Paola, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Mark Cassar, bin-numru ta' registrazzjoni IBF-617 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni STE-131, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju, 2003, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti ta' sindakati esteri operanti l-kummerc bl-isem ta' Lloyd's Underwriters, u l-interess u legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju, 2003 kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-19 ta' Settembru, 2003. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas, l-ammont ta' seba' mija u hmistax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm715.57) lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lil Mark Cassar, ilkoll bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Gunju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju, 2003, u ta' l-ittra ufficjali**

**mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti ta’ sindakati esteri operanti l-kummerc bl-isem ta’ Lloyd’s Underwriters, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------